# Intervista lil Loreto Dalli

## Ex-Licencee tal-Post tan-Nar 'Our Lady of Consolation'

Intervista minn Christine Piscopo

***L-ewwel ħaġa nixtieq nirringrazzjak talli għoġbok taċċeta l-istedina tagħna. Nibda billa nsaqsik kemm kellek żmien meta ġietek il-ħajra fix-xogħol tan-nar u kif bidet il-konnessjoni tiegħek mall-Każin Marija Assunta?***

Jien nixtieq nirringrazzja lilek talli tajtni din l-opportunità biex naqsam l-esperjenzi tieghi mall-qarrejja ta' dan il-ktejjeb. Kelli biss 13-il sena meta bdiet tiġini t-tentazzjoni illi nibda mmis u nesperimenta xi ħaġa u l-ewwel ma bdejt kont nagħmel is-sufarelli tal-qasba. Il-konnesjoni tieghi mal-kazin kienet min dejjem ghax ġejja mid-demm fil-familja illi dejjem appogjaw lil Kazin Maria Assunta.

***Allura nistgħu ngħidu li ilek ohmor ta' bniedem taħdem in-nar?***

Hekk hu, eżattament issa ilni naħdem in-nar għal madwar 62 sena.

***Minn dejjem kont taħdem in-nar fil-fabbrika tan-nar tal-Każin tagħna jew kont tifrekkwenta xi fabbriki oħra?***

Le, minn dejjem kont naħdem fil-Fabrika tan-Nar Our Lady of Consolation u b'mod speċċjali għall-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Pero kont għamilt xi ftit taż-żmien wieqaf minn dan ix-xogħol minn ħabba raġuni personali, għalkemm xorta jiddispjaċini illi waqaft xi ftit. Filfatt wara ftit erġajt komplejt u għadni ninżel il-post tan-nar sal-ġurnata tal-lum sa kemm il-Bambin itini s-saħħa.



*Loreto Dalli jiġi ppreżentat b'tifkira żgħira għall-ħidma illi wettaq fil-Fabbirka tan-Nar 'Our Lady of Consolation', li tagħha kien Licenseè għal tul ta' snin, waqt il-programm tal-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2008.*

***Meta kont applikajt għal-liċenzja tan-nar, għal-liem waħda kont applikajt l-ewwel? U x'kien l-ewwel xogħol tiegħek fil-post tan-nar?***

L-ewwel xogħol li bdejt nagħmel kien li naħdem il-porvli, imbagħad komplejt billi nagħmel il-beraq u bombi sa kemm meta mbagħad ġibt l-esperjenza u l-prattika meħtieġa bdejt naħdem il-murtali sħaħ jiena stess, fejn wasalt sa dawk tal-qies tat-8". Minn dejjem emmint fil-kwalita tax-xogħol aktar milli fil-kwantità, u din għadni nippriedkaha sal-lum lil dawk kollha illi jkunu ser jibdew jersqu lejn il-post tan-nar tagħna.




*Loreto, hawnhekk fir-ritratt ma' Jimmy Abela, jesebixxu parti mix-xogħol tan-nar li kien imħejji għall-festa 1983.*

***Kif tiftakar il-post tan-nar tagħna fl-antik? Minn dejjem kontu taħdmu n-nar għall-Festa taċ-Ċintura, jew kontu tagħmlu xi xogħol anke għal barra?***

Il-post tan-nar tagħna nista ngħid li nbidel mil-lejl għal-nhar! Qabel il-post l-antik biss kien jeżisti u kien jikkonsisti f'bitħa u 3 kmamar żgħar, pero issa nista ngħid li għandna palazz fejn naħdmu, magħmmar bil-ħtiġijiet kollha u mibni skond kif jitolbu l-awtoritajiet.

***Kemm kontu dilettanti fil-bidu, u nista' nimmaġina illi dak iż-żmien kien hemm xogħol ta' tbatija?***

Niftakar li kull ma konna 6 min-nies biss, pero qatt ma stajna naħdmu sew u kemm xtaqna minnħabba l-limitazzjonijiet tal-post l-antik. Issa n-numru ta' dilettanti kiber u kulħadd għandu fejn jaħdem bil-kumdita kollha. Dak iż-żmien l-aktar xogħol li kien fih tbagħtijja kien meta kien ikollna naħdmu l-porvli b'idejna!

***Illum il-ġurnata, kif tqattgħu l-ħin tiegħek il-post tan-nar?***

Minn ħabba li issa m'għadnix żgħir, qed naħdem biss fuq ix-xogħol tan-nar tal-art. Pero xorta għadni ngħin fejn nista u fejn ikun hemm bżonn bħal

ma jagħmel kulħadd fil-post tan-nar tagħna.

***X'tara differenza mill-ewwel żminijiet tiegħek għal dik tal-lum? U fl-aħħar x'messaġġ twassal lill-qarrejja tagħna?***

Id-differenza hija f'għajnejn kulħadd, bħal kollox l-iżvilupp għen biex il-kwalita tax-xogħol illi nipproduċu titjieb u tikber. Dan sarraf f'riżultati grandjużi meta din is-sena l-fabrika tan-nar tagħna rebħet fiż-żewġt kompetizzjonijiet tan-nar li jsiru f'Malta. Dan jagħmel unur lilna u lill-Każin tagħna.

Nirringrazzja lid-dilettanti kollha li jaħdmu fil-post tan-nar tagħna u nħeġġiġhom biex bħal dejjem iżommu l-għaqda bejniethom u jaħdmu bil-galbu u b'attenzjoni. Fl-aħħar nirringrazzja lill-Madonna taċ-Ċintura illi dejjem tħarisna fix-xogħol tagħna u żżommna taħt il-protezzjoni tagħha f'dan ix-xogħol perikoluż.

Viva taċ-Ċintura.

***Loretu aħna nirringrazzjawk ta' din l-intervista u nixtiequlek l-isbaħ xewqat u aktar snin ta' ħidma fil-post tan-nar tagħna. Grazzi.***




*Loreto ma' sħabu d-dilettanti tan-nar qed jesebixxu n-nar li ħejjew għall-festa taċ-Ċintura tal-2007.*